MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) BORDIJIET

## ONOR. IMHALLEF SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 52/1996/1

**Mario Blackman**

**vs**

**John u Mary Cuschieri u b'digriet tat-12 ta' Novembru 1997 stante l-mewt tal-imsemmi John Cuschieri l-gudizzju gie trasfuz f'ibnu John Cuschieri**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Ottubru, 2001 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Bord,*

*Ra r-rikors ta' l-esponent:*

*1. Illi hu jikri lill-intimat il-mezzanin "St. John", Triq Mons. Depiro Str., Hamrun, bil-kera ta' Lm36 fis-sena, jithallas kull tlett xhur bil-quddiem.*

*2. Illi l-esponent sar jaf li l-inkwilini ilhom tnax il-sena ma joqghodu f' dan il-post, billi ghandhom fejn joqghodu f' Nru 219, St. Joseph High Road, Hamrun.*

*3. Illi recentament meta l-esponent mar jara l-post sabu abbandunat, f' kundizzjoni ghall kollox zdingata u perikoluza, kif jirrizulta mic-certifikat Dok. A. L-esponent qieghed jaghmel kull riserva ghar-rizarciment ta' dawn id-danni.*

*4. Illi l-esponent irid jirriprendi l-pussess tal-imsemmi fond.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgoba taworizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond fuq imsemmi u ghall-fini tal-izgumbrament jigi prefiss lill-intimati zmien qasir u perentorju.  Bl-ispejjes.*

*Ra <u>r-risposta</u> ta' l-intimati:*

*Illi huwa minnu illi huma jikru minn ghand ir-rikorrenti l-mezzanin msejjha  "St. John" fi Tirq Mons. De Piro, l-Hamrun, bil-kera ta' Lm36 fis-sena, pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem.*

*Illi l-intimati qed jichdu kategorikament illi huma abbandunaw l-fond tal-abitazzjoni taghhom mikri lilhom mir-rikorrenti, jew li ghamlu dan ghax ghandhom fejn joqghodu, f' numru 219 Triq San Guzepp, l-Hamrun.*

*Illi hekk wkoll mhux minnu li huma abbandunaw l-fond, jew hallewh zdingat u kkawzaw dannu lir-rikorrenti; huma dejjem ghamlu tiswijiet fil-fond tar-rikorrenti, anki dawk li ma kienux dovuti jsiru mill-inkwilini.*

*Illi l-esponenti ma ghandhomx fond iehor fejn jirresjedi hlief dak fuq msemmi msejjah "St. John" fi Triq Mons De Piro, l-Hamrun, fejn ghandhom hwejjighom u l-ghamara taghhom kollha.*

*Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl- ispejjez kontra tieghu.*

*Ra d-digriet tieghu tal-5 ta' Gunju 1996 li biha gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Jaccarini u l-AIC Godfrey Vella.*

*Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.*

*Ra d-digriet tieghu tat-12 ta' Novembru 1997 li bih il-gjudizzju gie trasfuz f' isem John Cuschieri stante il-mewt ta' missier John Cuschieri.*

*Sema' x-xhieda bil-gurament;*

*Ra d-dokumenti esebiti;*

*Ra l-atti kollha;*

*Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati;*

*Ra l-verbal tal-4 ta' Lulju 2001;*

*Ikkunsidra,*

*1. L-intimata Mary Cuschieri u zewgha John li miet fil-mori tar-rikors izzewwgu fis-16 ta' Gunju 1956 u marru joqghodu fil-post in kwistjoni.  Minn dan iz-zwieg twieled tifel li jismu John bhal missieru imma li skond ir-rikorrenti trabba dejjem minn zijietu.  Dan ghandu llum tnejn u erbghin (42) sena u joqghod fil-fond 216, Triq il-Kbira, l-Hamrun. Hu guvni.*

*2. Jirrizulta li ghalkemm l-intimata hi ufficjalment imnizzla li toqghod fil-post in kwistjoni di fatti li tghaddi l-hajja taghha jew il-bicca kbira taghha, fil-fond 216, Triq il-Kbira l-Hamrun. Hi ghanda xi sehem minn din id-dar imma il-koproprjetarji l-ohra ma jriduhiex hemm.  Hi trid izzomm din id-dar.  Hemm xi proceduri quddiem il-Qrati (fol 83) dwarha. Tghid:*

*Dak tal-familja (id-dar fi Triq il-Kbira, l-Hamrun) ghandi xi share tieghi imma mhiex tieghi.  Li kien tieghi, nmur noqghod fih u ntih ic-cwievet (lir-rikorrenti) m' ghandhiex x' nambihom kieku." (fol77)*

*3. Matul iz-zmien l-intimata dejjem ghamlet li setghtet biex izzomm pussess fuq id-dar ta' Triq il-Kbira. Il-Bord minn naha l-ohra ma jiddubitax li l-intimata, li llum ghanda tnejn u tmenin (82) sena, ghal zmien ghenet lil hutha meta kienu morda. Imma jaraha haga stramba li mit-twelid binha kien joqghod f' din id-dar. Ir-rikorrenti tistqarr:*

*"Jiena ma nistax noqghod mieghu (ma' binha) jiena. Inlehhaq ma zewgt idjar, irrid inservieh ghax ibni u ghadu mieghi, jirrispettani, allura meta jkun hemm bzonn nitla' u naghmilha."*

*4. Hu sintometiku li meta wegga' zewgha xi ftit qabel ma miet ta' tnejn u disghin sena (92) kienu fil-fond ta' Triq il-Kbira u "kunbinazzjoni nzertajna konna hemm." (fol 76). Dam sena u xahar fil-wheel chair u jorqod fl-istess fond ghax it-tabib qal lir-rikorrenti "ghalissa zommu hawn." (ibid).*

*5. Mart ir-rikorrent, mhux kontradetta stqarret:*

*"Lill-intimata gieli kellimtha fir-residenza taghha attwali, Strada Irjali. U dejjem qaltli li qabel ma jmutu hutha ma tistax ticcaqlaq minn dak il-fond.*

*Jiena naf li minn hut l-intimata baqghet wahda (minn meta inghata ix-xhieda din giet nieqsa) hajja ghaliex it-tifel tal-intimata kien qalli illi huma joqghodu fid-dar ta' Strada Irjali, ghaliex jaf li jekk jibqghu jghixu f' din id-dar, meta jmutu l-inkwilin, mbaghad id-dar taqa' taghhom.*

*Kien qalli wkoll, dan it-tifel ta' l-intimata, illi meta jekk jirnexxilhom jiehdu l-kirja tad-dar ta' Strada Irjali, mbaghad hemm kugini li jtuh sehemhom." (fol 19-20).*

*6. Ix-xhieda tar-rikorrent, anqas dettaljata hi fl-istess sens (fol 21-22). L-istess hi x-xhieda ta' Carmen Demanuele li toqghod faccata tal-fond in kwistjoni. Joseph Agius prodott mir-rikorrent daqqa jghid mod u daqqa iehor (fol 46 u 47, u fol 60-63).*

*7. L-intimata regghet xehdet fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2001 u x-xhieda taghha hija cara kif hija cara x-xhieda ta' Margaret Cachia, l-unika xhud mressqa mill-intimata (fol 89-90) - ix-xhud tirreferi ghad- "dar fejn kienet toqghod (l-intimata)"*

*8. Fid-dar in kwistjoni hemm nuqqas ta' manutensjoni - xhieda ta' l-istess intimata u r-rapport mahluf tal-Perit Refalo (fol 2). Qabel ghamlu l-access il-periti tal-Bord jidher li sar xi xoghol.*

*9. Dwar s-sottomissjonijiet ta' l-abili avukati l-Bord ihoss li ghandu jghid ghall-ezatezza li huwa r-rikorrent li jrid iressaq provi biex isostni dak li jghid fir-rikors. Dan il-kaz ma ghandu x' jaqsam xejn ma kazi fejn bniedem*
*li jghodd certu numru ta' snin imur f' 'dar' jew jaghmel xi zmien ma' haddiehor. Lanqas hu kaz li b' xi mod ghandu x' jaqsam mat-taghlim tal-gurisprudenza dwar 'djar ta' villeggjatura.'*

*10. Il-fond, St. John, Triq Mons. Depiro il-Hamrun ilu snin ma jintuza bhala dar. Drabi l-intimata tersaq 'l hemm ma xi hadd biex tnaddaf. Hajjietha ma tqattaghhiex hemm imma fil-fond 219, Triq il-Kbira, San Guzepp il-Hamrun u qed taghmel hekk biex dik li hi 'de facto' id-dar taghha issir b' mod legali taghha jew ta' binha.*

*Billi l-intimati ilhom snin ma juzaw il-fond St. John, Triq Mons. Depiro, il-Hamrun, il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom li jirriprendu pussess tal-fond imsemmi; ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' erba' (4) xhur m' illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.”*

Mis-sentenza hekk profferita mill-Bord li Jirregola l-Kera appellaw l-intimati bl-aggravju li dan il-Bord ma evalwax sewwa l-provi prodotti u ma applikax sewwa l-ligi ghalihom.

Huma jargomentaw illi l-fond mikri dejjem baqa’ jintuza bhala dar ta’ residenza, u ghalhekk mhiex korretta l-konkluzjoni raggunta mill-Bord illi dan ma baqax hekk jintuza. Isostnu li din il-konkluzjoni hi kontradetta mix-

xhieda kollha mressqa in kwantu minn imkien ma rrizulta li kien qed isir xi uzu iehor mid-dar lokata.

Mill-istat tal-attijiet f'din il-kawza l-provi l-aktar saljenti jistghu jigu hekk kompendjati:-

(i) Il-fond de quo nkera ghall-ewwel darba malli nbena lill-konjugi Cuschieri. Ara deposizzjoni tar-rikorrenti a fol 21.
(ii) L-intimata tistqarr li hi dejjem baqghet f'dan il-post, ghadha thallas ghas-servizzi installati fih, thallas il-kera tieghu u fih ghandha hwejjigha (fol 72 u fol 82).
(iii) L-istess intimata ddeponiet ukoll illi minhabba mard kien htiegilha ddur b'hutha u b'zewgha li kienu joqoghdu fil-post tal-familja fi Strada Rjali, u issa li mietu, ghadha sservi lill-uniku binha, li baqa' jghix f'dan l-istess fond, fejn trabba. Tikkoncedi li hi wkoll gieli raqdet f'dan il-fond.
(iv) Iddeponiet ukoll li ghandha kwestjoni ma' membri ohra tal-familja li qed jitolbu d-divizjoni pero' l-hsieb taghha hu li jekk tirranga ruhha din is-sitwazzjoni forsi tmur mat-tifel u allura l-post de quo ma jkollix x'tambih.
(v) Ix-xhud Margaret Cachia (fol 89) tghid li hi nkarigata mill-intimata biex tnaddfilha l-fond mikri, "*daqqa kull xahar ghax ma jkun hemm xejn hlief naqra trab u nahslu l-art*".
(vi) Carmen Demanuele (fol 44) prodotta mir-rikorrenti, li tabita faccata tal-fond meritu tal-kawza, xehdet li l-fond ilu vojt xi 11-il sena u l-intimata ma torqodx fih.
(vii) Joseph Agius li xehed darbtejn (fol 46 u fol 60), ghalkemm b'certu reticenza jistqarr li minn meta l-intimata iffirmatlu biex seta' jiftah il-hanut, "*ma rajtiex wisq*".
(viii) Kemm ir-rikorrenti kif ukoll martu Doris Blackman (fol 17) jikkonfermaw illi l-post ilu bosta ma jintuza u meta riedu jikkuntattjaw lill-intimata dejjem sabuha fil-post ta' Strada Rjali.
(ix) In finis, ir-rapport tal-membri teknici (fol 50) jikkostata illi "*l-fond jaghti l-impressjoni li ma jsirx uzu kontinwu minnu*".

Issa r-rikorrenti qed jippremettu bhala kawzali ghar-ripresa tal-fond il-fatt tan-'non uzu' tal-fond. Non-uzu li jekk provat, skond principju accettat fid-dottrina jgib bhala konsegwenza li l-kerrej ma jkunx qieghed juzah skond id-

destinazzjoni tieghu. (**Vol XXXIV pI p164**). Dan fuq l-istregwa tal-invokazzjoni tal-**Laurent** ("Principii di Diritto Civile", Vol 25 para 26):- "*Non si usa della cosa seconda la sua destinazione, non usandone*".

Dan il-principju japplika sew ghall-fondi kummercjali kemm ghad-djar ta' abitazzjoni, kif hekk manifest mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Mejju 1979 fil-kawza fl-ismijiet "**Tabib Dr. Louis Camilleri –vs- Valerio Valente et**". Dan b'adozzjoni ta' dak provvdut fl-Art 9 tal-Kap 69 li jipprovdi specifikament bhala raguni ghar-ripreza tal-fond fiz-zmien tar-rilokazzjoni l-fatt li l-inkwilin ikun biddel id-destinazzjoni tal-fond mikri minghajr il-kunsens espress tas-sid. Fl-istess sens tad-decizjoni fuq citata hi s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-11 ta' Ottubru 1984 in re "**Henry Frendo et –vs- Salvina Camilleri**" u dik l-ohra dejjem tal-istess Bord tal-5 ta' Gunju 2000 fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Saliba et –vs- Maria Carmela Abdilla**".

Issa huwa minnu li bniedem jista' ghall-finijiet differenti jkollu residenzi differenti fl-istess zmien (**Vol XLVI pI p119**). B'danakollu huwa prezunt ukoll illi dan ikun qed jaghmel uzu minn dawn ir-residenzi differenti u mhux jaghmel uzu regolari minn wahda u l-ohra jzommha ghas-semplici pjacir. Jew ukoll ghax ispirata mill-aspettattiva illi, bhal fil-kaz tal-intimata, tistenna l-ezitu tal-kwistjoni gudizzjarja li ghandha ma' membri ohra tal-familja. Fil-verita' ghas-sid din il-konsiderazzjoni hi 'res inter alios'. Ghax jekk il-fond ma jintuzax l-ebda konsiderazzjoni ma tista ragjonevolment tikkonvalida l-atteggjament assunt mill-kerrej fir-rigward tal-fond mikri. Tali atteggjament jirrivela ruhu x'aktarx bhala abbuz milli ta' bzonn jew ghas-serhan tal-mohh.

Fil-fehma ta' din il-Qorti biex verament tissussisti "r-residenza" din ghandha tiddenota certu grad ta' kontinwita' ta' uzu u timmanifesta l-mod kif il-bniedem jorganizza hajtu u dik tal-familja tieghu fil-post li hu intenda bhala r-residenza abitwali tieghu. Is-semplici zamma fih ta' xi ghamara jew hwejjeg ohra ma jaghmlux mill-fond dak l-uzu li jintitola lill-kerrej jircevi l-protezzjoni

tal-ligi. (Ara "**Joseph Mifsud –vs- P. Zammit**, Appell, 13 ta' Jannar 1999)

L-apprezzament tal-kumpless tal-provi pozittivi li ghamel il-Bord f'dan il-kaz hu ben impostat u l-konkluzjoni raggunta hi korretta. Irrizulta minn xhieda estranea, kif ukoll mill-verifiki tal-membri teknici tal-Bord illi kuntrarjament ghal dak ritenut mill-appellanti hi mhiex taghmel uzu mill-fond lilha lokat mir-rikorrent jew jekk isir xi uzu dan mhux wiehed kontinwu izda pjuttost saltwarju biex sempliciment jigi ripulit. Ma ngiebitx prova illi tali non-uzu kien qed isir bil-kunsens espress tas-sid. Tali komportament hu ghalhekk guridikament meqjus in vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-kirja. Lanqas ma ppruvaw l-appellanti illi b'xi mod il-lokatur akkwiexxa ghal tali tibdil tad-destinazzjoni minnhom effettwat.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ma ssib l-ebda gustifikazzjoni serja biex tiddissenti mill-konkluzjoni tal-Bord.

Ghal dan il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti. Ghall-fini ta' l-izgumbrament it-terminu ta' erba' (4) xhur prefiss mill-Bord jibda jiddekorri mil-lum.

Dep/Reg
cb